# REĠJUN ĊENTRU

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 15

## IT-TIELET LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 15

Il-Ġimgħa 12 ta' Ottubru 2018

Ir-Reġjun Ċentru ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, 'Mabruka', Triq il-Qasab, San Ġwann, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Michael Fenech Adami – President
Is-Sur Stefan Cordina – Viċi President
Is-Sinjura Rita Borg – Viċi Sindku Birkirkara
Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai – Sindku Imsida
Is-Sur Andrè Grech – Viċi Sindku Ħal Balzan
Is-Sur Anthony Chircop – Sindku Tas-Sliema
Is-Sur Dominic Cassar – Kunsillier San Ġwann
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku L-Iklin

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sinjura Magda Magri Naudi – Sindku Ħal Lija
Is-Sur Maximillian Zammit – Sindku Ta' Xbiex
Is-Sur Stephen Sultana – Sindku Santa Venera

ASSENTI

Is-Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan
Is-Sur Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira
Is-Sur Keith Tanti – Sindku Pietà

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il- President, is-Sur Michael Fenech Adami, qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa urġenti.

## 15.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

15.1.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ippreżenta u qara l-ittra ta' apoloġija tas-Sur Maximillian Zammit u tas-Sinjura Magda Magri Naudi fejn infurmaw lill-membri li ma setawx jattendu għal din il-laqgħa urġenti pero huma ddikjaraw li ma jsibu l-ebda oġġezzjoni fuq il-persuna magħżula mill-bord u għal din ir-raġuni l-membri preżenti unanimament aċċettaw dawn l-ittri ta' apoloġija.

15.1.2 Il-President ressaq ukoll l-ittra ta' apoloġija tas-Sur Stephen Sultana sabiex jinfurmana li ma setax jattendi għal din il-laqgħa u l-membri preżenti unanimament aċċettaw din l-ittra ta' apoloġija.

## 15.2 Approvazzjoni tal-Vakanza ta' *Accounts Officer* (Skala 13)

15.2.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri preżenti li l-bord kompost minnu flimkien mas-Sur Anthony Chircop u s-Sur Dominic Cassar u bil-preżenza tas-Segretarju Eżekuttiv, intervistaw seba' applikanti li kienu eleġibli għal din il-vakanza.

15.2.2 Huwa nforma kif bi qbil unanimu bejn il-membri preżenti f'dan il-bord, il-persuna magħżula huwa s-Sur James Attard. Madankollu, il-bord qabel li jekk l-applikant magħżul ma jaċċettax din il-vakanza, it-tieni persuna magħżula hija s-Sur Jean Paul Sciberras u jekk is-Sur Sciberras ma jaċċettax din il-vakanza, it-tielet persuna hija s-Sur Carl Debono.

15.2.3 Il-membri preżenti unanimament qablu dwar din id-deċiżjoni u għal din ir-raġuni s-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, għandha tinforma lis-Sur Attard mill-aktar fis possibli.

## 15.3 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

15.3.1 Il-laqgħa intemmet fil-5:35pm u l-President fakkar lill-membri preżenti li d-data tas-seduta li jmiss li kienet stabilita fil-laqgħa preċedenti tar-Reġjun hija nhar l-Erbgħa 7 ta' Novembru 2018 u fil-5:30pm.

Konfermati, illum l-Erbgħa 7 ta' Novembru, 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Michael Fenech Adami<br>President | Jeanette Galea<br>Segretarju Eżekuttiv |